

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

A6-0086/2009

23.2.2009

RAPPORT

dwar l-isfida tad-degradazzjoni tal-art agrikola fl-UE, b'mod partikulari fl-Ewropa tan-nofsinhar: tweġiba permezz tal-istrumenti tal-politika agrikola komuni
(2008/2219(INI))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Vincenzo Aita

Rapporteur għal opinjoni (*):
Inés Ayala Sender, Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

(*) Kumitati assoċjati – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	10
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	14

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-isfida tad-degradazzjoni tal-art agrikola fl-UE, b'mod partikulari fl-Ewropa tan-nofsinhar: tweġiba permezz tal-istrumenti tal-politika agrikola komuni (2008/2219(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni u dwar id-Diversità Bijoloġika,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu tal-14 ta' Novembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar l-indirizzar tal-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfa fl-Unjoni Ewropea²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0086/2009),
- A. billi l-attivitajiet agrikoli huma settur ekonomiku li jiddependi ħafna mill-fenomeni naturali u, fl-istess ħin, huma suġġetti għall-potenzjal ta' intervent,
- B. billi l-agrikoltura hija l-aħjar mezz biex jiġi evitat id-deterjorament tal-ħamrija u billi dan jeħtieġ li jkun hemm strateġija rraġunata li tgħin biex din l-attività tinżamm,
- C. billi l-popolazzjoni rurali Ewropea għandha rwol importanti fil-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, u l-produtturi Ewropej jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-konservazzjoni tal-veġetazzjoni f'reġjuni milquta minn nixfa persistenti; billi wkoll jqis il-benefiċċji li jippreżentaw b'mod partikolari l-koltivazzjonijiet permanenti, il-mergħat u art bil-ħaxix u l-forestrija għall-ġbir tal-ilma,
- D. billi, b'mod partikulari, il-ħamrija agrikola fin-Nofsinhar tal-Ewropa, iżda anki f'reġjuni oħra tal-Istati Membri tal-Unjoni, tinsab f'nofs proċess ta' degradazzjoni tal-ambjent li huwa determinat mill-interazzjoni negattiva bejn l-attivitajiet tal-bniedem u l-kundizzjonijiet klimatiċi,
- E. billi l-kultivazzjoni intensiva tal-art tista' tikkontribwixxi għall-erożjoni tal-ħamrija, u b'hekk ma tkunx sors ta' qligħ,
- F. billi attwalment id-deżertifikazzjoni hija meqjusa bħala waħda mill-agħar theddidiet li qiegħda twassal għal degradazzjoni tal-ħamrija fil-pajjiżi tal-Mediterran,

¹ ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 281.

² Testi Adottati, P6_TA(2008)0473.

- G. billi l-ħamrija hija l-bażi għall-produzzjoni tal-ikel għall-bniedem, tal-għalf għall-annimali, tat-tessuti u tal-fjuwils, u billi għandha rwol importanti fil-qbid tas-CO₂; billi, madankollu, il-ħamrija hija aktar minn qatt qabel esposta għal ħsara irriversibbli minħabba l-erożjoni mir-riħ, it-tniġġis, it-tmelliħ, l-impermeabilità, it-tnaqqis ta' sustanzi organiċi u t-telf ta' bijodiversità fil-ħamrija,
- H. billi l-effetti negattivi li diġà seħħew jirrigwardaw l-irregolaritajiet idroġeoloġiċi, id-dħul tal-ilma baħar fis-saffi tal-ilma ta' taħt l-art ta' max-xtut, il-melħ fil-ħamrija, it-telfien tal-art agrikola, it-tnaqqis fil-bijodiversità kif ukoll iż-żieda fil-vulnerabilità għan-nirien u fil-mard tal-pjanti u tal-annimali;
- I. billi l-modifiki msemmija hawn fuq fl-interazzjoni bejn l-ambjent naturali tal-bniedem u l-produzzjoni agrikola qegħdin ikollhom effetti importanti fuq is-sistemi tat-tekabbir tal-ħxejjex u t-trobbija tal-annimali, fuq l-użu tal-art agrikola u l-provvista tal-ikel, b'riperkussjonijiet evidenti għas-sikurezza tal-ikel, kif ukoll għall-istrutturar soċjali, kulturali u ekonomika taż-żoni kkonċernati, minħabba l-fenomeni tal-abbandun b'riperkussjonijiet anki mill-lat idroġeologiċu,
- J. billi t-tisqija sservi wkoll biex iżżomm l-umdità fil-ħamrija kif ukoll biex jerġa' jimtela' s-saff tal-ħamrija li jżomm fih ħafna ilma, u billi dawn il-fatturi għandhom jiġu kkunsidrati meta tkun qed tiġi mfassla l-politika agrikola komuni (PAK), K. billi n-nuqqas tal-ilma u n-nixfa jkomplu jikkontribwixxu għaż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli, iżda billi fl-istess ħin hemm bżonn li tiġi garantita provvista kontinwa tal-ikel għall-popolazzjoni,
- L. billi l-ġestjoni tas-sistemi agrikoli u tal-foresti toffri opportunitajiet ta' intervent fil-bilanċ ġenerali tal-karbonju, li tista' tgħin fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet bl-effett ta' serra,
- M. billi jfakkar fl-eżistenza tal-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, addottata fl-1994, dwar il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni f'pajjiżi milquta serjament min-nixfiet jew id-deżertifikazzjoni, b'mod partikulari fl-Afrika, li l-għan tagħha huwa li tiġi miġġielda d-degradazzjoni tal-art tajba għall-ħrit u n-nixfa, u jfakkar fl-appoġġ tal-Parlament għal din il-konvenzjoni,
- N. billi jirrikonoxxi s-sehem tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (Direttiva 2000/60/KE) bħala qafas regolatorju u strument bażiku għall-protezzjoni tal-ħamrija, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni interreġjonali, l-użu sostenibbli tal-ilma u l-protezzjoni tar-riżorsi disponibbli tal-ilma filwaqt li fl-istess ħin tingħata għajjnuna biex jittaffu l-effetti tal-għargħar u n-nixfa,
- O. billi hemm il-ħtieġa ta' strateġija integrata u multidixxiplinari biex ma jkunx hemm il-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet ta' emerġenza, li jistgħu joħolqu aktar impatti negattivi u effetti marbuta li jwasslu għal aktar ħsara,
- P. billi huwa xieraq li jkun hemm kontroll tas-sitwazzjoni f'dak li jirrigwarda l-evoluzzjoni tal-fenomeni eżistenti u s-sitwazzjonijiet ta' riskji ġodda li jinħolqu, bl-użu speċjalizzat ta' sistemi ta' osservazzjoni satellitari u ta' mudelli ġeoloġiċi u bijokimiċi (bl-użu tal-mapep),
- Q. billi żdiedet il-frekwenza fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet meteoroloġiċi estremi, fejn il-

perjodi ta' nixfa jalternaw ma' perjodi ta' xita qawwiya, li jħaffu l-proċess ta' degradazzjoni tal-litosfera, b'mod partikulari fiż-żoni fejn il-ħamrija hija aktar vulnerabbli b'mod strutturali, kemm fit-Tramuntana kif ukoll fin-Nofsinhar tal-Ewropa,

- R. billi jinnota, fil-livell dinji, żieda fit-talba u fil-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel,
1. Iqis li jeħtieġ li l-linji ta' gwida u l-metodi ta' ġestjoni tal-PAK għandhom jinkludu b'mod espliċitu l-prinċipji u l-istrumenti għall-ħarsien tal-klima b'mod ġenerali u għall-limitazzjoni tal-ħsara li ssir minħabba d-degradazzjoni tal-ħamrija, b'mod partikulari;
 2. Iqis neċessarju li jissaħħu l-parametri għall-ekokundizzjonalità u l-applikazzjoni tagħhom madwar l-Unjoni, l-aktar fir-rigward tal-bijodiversità u s-sustanza organika tal-ħamrija, u biex jiġu estiżi sabiex ikopru l-protezzjoni tal-ilma;
 3. Jenfasizza li l-fondi Komunitarji għall-miżuri ta' adattament għas-settur agrikolu sabiex dan jaffaċċja t-tibdil fil-klima għandhom ikunu appoġġjati fuq livell reġjonali, fejn għandu jittqies il-livell ta' vulnerabbiltà tar-reġjuni differenti tal-Unjoni; ifakkar li, l-artijiet agrikoli fin-Nofsinhar tal-Ewropa huma iktar suxxettibbli għall-impatti kkawżati mit-tibdil fil-klima, skont evalwazzjonijiet affidabbli maħruġa minn korpi internazzjonali u Ewropej;
 4. Jiddispijaċih li ma ġew stabbiliti l-ebda miri speċifiċi hekk kif il-kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Istati Membri ddeċidew li jnaqqsu l-ammont allokati għall-iżvilupp rurali, u jinnota li fit-tieni punt prinċipali, ir-riżorsi allokati kienu ftit wisq biex tinstab soluzzjoni għall-isfidi l-ġodda marbuta mat-tibdil fil-klima; jipproponi lill-Kummissjoni biex teżamina l-ħolqien ta' fond speċifiku biex jiffinanzja l-azzjonijiet preventivi għall-benefiċċju tas-setturi ekonomiċi kollha kkonċernati, inkluż dak tal-agrikoltura;
 5. Iqis li l-problemi attwali, fost l-oħrajn in-nuqqas ta' ikel, l-iskarsezza tal-ilma, iż-żieda fit-temperaturi u l-evapotraspirazzjoni u r-riskju tad-deterjorament tal-ħamrija, jeħtieġu politiki agrikoli integrali u xjentifiċi ġodda li japplikaw għall-kundizzjonijiet tal-klima Mediterranja; hu tal-fehma li bl-għajnuna ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali, il-politiki jridu jikkonċentraw ir-riċerka u l-iżvilupp fuq l-uċuħ adattati lokalment għall-isfidi ambjentali ġodda, f'oqsma li jinkludu l-isforz biex ma jinħeliex ilma, filwaqt li jingħata kumpens suffiċjenti lill-bdiewa biex iżommu livell ta' ħajja Ewropej;
 6. Hu tal-fehma li, fl-istrateġija tal-konservazzjoni tal-ħamrija, il-prinċipji relattivi għall-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin tal-PAK għandhom jiffavorixxu aktar l-azzjonijiet orjentati biex jikkontrollaw u jtejbu l-funzjonalità u s-sostenibbiltà ekoloġika tas-sistemi ta' drenaġġ' eżistenti, fejn jitħejjew pjanijiet għall-immaniġġjar tal-ilma li jkunu ekoloġikament sostenibbli u mmirati għal ċerti siti, u l-bdiewa f'postijiet mhedda min-nixfa jingħataw pariri dwar kultivazzjoni b'suċċess ta' wċuħ tar-raba' li huma speċifiċi għal ċerti postijiet u li ma jeħtiġux ħafna ilma għat-tisqija;
 7. Jargumenta favur appoġġ ikbar min-naħa tal-Unjoni għat-titjib fl-immaniġġjar tal-ilma għall-artijiet agrikoli, meħtieġ għall-introduzzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni iktar effiċjenti u adattati skont il-wiċċ tar-raba', għall-promozzjoni tar-riċerka f'dan il-qasam u sabiex jiġi mhegġegħ l-użu tal-bijoteknoloġiji;

8. Iqis li jeħtieġ li jinħolqu, u jiġu ġestiti permezz ta' mikrokonsozji, ħażniet tal-ilma għall-irrigazzjoni (ġwiebi fl-għoljiet) kif ukoll għall-għieda kontra n-nirien, lokalizzati f'żoni li jkunu aktar fl-għoli minn dawk li jeħtieġu l-irrigazzjoni biex tintuża l-gravità, bi spejjeż minimi biex jitħaddmu, filwaqt li fejn ikun possibbli jintuża l-ilma tad-drenaġġ tal-bliet li jkun ġie ttrattat bit-tekniki tat-tisfija tal-pjanti u l-istagħdir;
9. Iqis l-importanza tal-kultivazzjoni fuq art imtarrġa għall-għieda kontra l-erożjoni tal-ħamrija u għat-titjib tal-kapaċità tal-ħamrija għaż-żamma tal-ilma, u huwa tal-opinjoni li huwa raġonevoli li jittieħdu miżuri għall-konservazzjoni, l-irkupru u l-bini ta' artijiet imtarrġa;
10. Hu tal-fehma li s-sistemi agrikoli u forestali għandhom jinkludu programmi ta' afforestazzjoni tal-artijiet agrikoli marġinali jew imniġġsa, billi l-għeruq tal-arbuxxelli jistgħu jiggarrantixxu l-ankoraġġ tas-saff instabbli ta' fuq mal-blat stabbli ta' taħtu, li jaġixxi ta' sottostrat għat-tisfija;
11. Huwa favur l-introduzzjoni ta' politika Komunitarja dwar il-forestrija, li l-objettiv ewlieni tagħha jkun li tiġġieled it-tibdil fil-klima;
12. Barra minn hekk, jikkunsidra l-ħtieġa ta' inċentivi għal miżuri agrikoli sabiex tiġi garantita ż-żamma tal-kopertura tal-veġetazzjoni, biex b'hekk tiġi evitata s-salinizzazzjoni ta' qiegħ ix-xmajjar, ikkawżata mill-erożjoni;
13. Jinnota li bosta speċi ta' arbuxxelli tal-Mediterran għandhom karatteristiċi tajbin ta' reżistenza għan-nar kif ukoll kapaċitajiet ta' rkupru veġetali eċċellenti u għalhekk għandhom ikunu promossi, b'mod partikulari, billi s-sistemi tal-għeruq tagħhom huma adattati sew biex jiġġieldu kontra l-erożjoni tal-ħamrija;
14. Iqis li għal dan il-għan hemm bżonn li wieħed ifittex li jikkultiva wċuħ li jeħtieġu ammonti iżgħar ta' ilma, jew inkella f'xi każijiet wċuħ tar-raba' li jħaddru bejn ir-rebbiegħa u x-xitwa li mhux biss ikollhom bżonn ammonti iżgħar ta' ilma, iżda joffru wkoll protezzjoni effettiva għall-ħamrija mill-erożjoni minħabba li f'dan il-perjodu l-ħamrija tkun koperta bil-veġetazzjoni;
15. Hu tal-fehma li l-mixtliet lokali jistgħu jipproduċu ekotipi li huma aktar adattati għall-ambjent lokali u li, għalhekk, għandu jitħeġġeġ l-użu tagħhom permezz ta' azzjonijiet speċifiċi;
16. Jitlob li jkun hemm promozzjoni tal-preservazzjoni u t-tħawwil ta' sisien tal-ħaxix, b'mod partikulari f'żoni fejn dawn intilfu tul l-aħħar snin;
17. Jirrikonoxxi l-irwol importanti tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti sabiex l-agrikoltura tadatta għall-kundizzjonijiet li jgħib miegħu t-tibdil fil-klima; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw programmi għall-konservazzjoni u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti mill-bdiewa u l-ġardinara, kif ukoll minn intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, sabiex jipromwovu t-tkabbir tal-pjanti;
18. Ifakkar fl-importanza ta' art mhux miżrugħa li titħalla apposta biex tiġi rkuprata art agrikola u biex jinġabar l-ilma; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri affettwati biex

jinkoraġġixxu sistemi agrikoli li huma adattati għall-art tal-ekosistemi Mediterranji;

19. Hu tal-fehma li, fost il-kriterji għaż-żamma ta' sustanzi organiċi fil-ħamrija, il-prinċipji tal-PAK dwar kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin għandhom joffru inċentivi għall-assorbiment u l-movimentazzjoni tal-karbonju permezz tal-aħjar użu ta' tekniki tal-biedja tal-art niexfa (il-ħidma minima tal-art, in-newba tal-uċuħ, ġenotipi adattati għall-ambjent lokali, il-kontroll tal-evapotraspirazzjoni, il-fertilizzazzjoni speċifika, il-kontroll integrali, eċċ.);
20. Jistieden lill-organi kompetenti fil-livell territorjali biex jintervjenu u jipprograww il-pjanijiet ta' ġestjoni u t-teknoloġiji għall-utilizzazzjoni tal-ilma għall-irrigazzjoni skont ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet ambjentali ġodda, sabiex jiġi żgurat li jsir użu speċifiku tar-riżorsi tal-ilma rigward il-kwalità u biex jittieħdu passi li jiżguraw li l-organi għall-ġestjoni tal-ilma għall-irrigazzjoni jimmaniġġjaw bl-aħjar mod ir-riżorsi tal-ilma disponibbli, filwaqt li jqisu l-ħtieġa li titnaqqas il-ħela fis-sistemi ta' distribuzzjoni tal-ilma;
21. Ihegġegħ l-implimentazzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ tan-nixfa min-naħa tal-Unjoni, u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni Ewropea li tikkumbatti n-nirien, peress li dawn iż-żewġ fenomeni jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-deżertifikazzjoni u għad-degradazzjoni tal-art agrikola, partikolarment fir-reġjuni tal-Mediterran;
22. jenfasizza l-bżonn li tiġi mtejbja l-effikaċità tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri u l-koordinazzjoni bejniethom;
23. Jirrakkomanda l-iżvilupp ta' sistema ta' twissija rapida u ta' sistemi ta' sorveljanza kontinwa għall-kundizzjoni tal-ħamrija sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni fil-ħin biex jiġu miġġielda l-erożjoni tal-ħamrija, it-tnaqqis tas-sustanza organika li jikkawża emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll it-telf ta' art tajba għall-ħrit u tal-bijodiversità;
24. Jitlob lill-Kummissjoni biex, rigward il-proposta għal definizzjoni ġdida taż-żoni tal-muntanji u l-gżejjer, u żoni oħra bi żvantaġġi naturali li għandha tressaq fl-2009, fost il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-prijorità tinkludi l-livell tal-periklu tad-degradazzjoni tal-ħamrija u tad-deżertifikazzjoni fiż-żoni li jkunu suġġetti għall-monitoraġġ;
25. Iqis neċessarju li jissaħħu r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni filwaqt li tingħata attenzjoni partikulari liż-żoni l-aktar affettwati min-nuqqas tal-ilma u n-nixfa u filwaqt li jiġi kkunsidrat il-progress bijoteknoloġiku;
26. Jistieden lill-Kummissjoni biex, waqt ir-reviżjoni ta' nofs il-terminu tas-Seba' Programm ta' Qafas prevista għall-2009, tqis l-għoti ta' aktar inċentivi b'appoġġ għall-programmi ta' riċerka u żvilupp li jsiru minn aktar minn Stat Membru wieħed bil-għan li jitjieb l-għarfien u bil-ħsieb li tiġi żgurata ġestjoni aktar sostenibbli tal-ħamrija u taż-żoni milquta mid-degradazzjoni;
27. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-ħtieġa li jinħoloq strument finanzjarju li jkun jista' jintuża għall-ġlieda kontra l-kawżi u l-impatti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikulari d-degradazzjoni tal-kwalità tal-ħamrija;

28. Iqis li għandhom jingħataw programmi ta' taħriġ u ta' aġġornament xierqa kemm lil dawk li jaħdmu fis-settur kif ukoll lill-pubbliku ġenerali, bil-għan doppju li jinstabu soluzzjonijiet speċifiċi kif ukoll biex jikber l-għarfien tal-utenti dwar ir-responsabilità kollettiva fl-użu tar-riżorsi ambjentali;
29. Jitlob li l-Unjoni Ewropea biex timplimenta miżuri ta' informazzjoni u ta' taħriġ maħsuba b'mod partikolari għall-bdiewa żgħażaġh bl-għan li jinċentivaw l-introduzzjoni ta' tekniki agrikoli li jkunu ta' benefiċċju għall-konservazzjoni tal-ħamrija, b'mod partikolari fir-rigward tal-effetti tat-tibdil fil-klima u l-irwol tal-produzzjoni agrikola fil-klima;
30. Ifakkar li, b'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2008 dwar il-ġejjieni għall-bdiewa żgħażaġh fil-qafas tar-riforma attwali tal-PAK¹, il-finanzjament tal-proġetti għandu jagħti prijorità lill-attivitajiet li jistgħu jħajru liż-żgħażaġh biex jidħlu fis-settur agrikolu;
31. Iqis li l-Unjoni għandha ssaħħaħ u ttejjeb l-awtonomija tal-ikel u tal-ġhalf u l-awtosuffiċjenza, fosthom billi tiżgura li jkun hemm ħarsien aħjar tal-ħamrija agrikola u tal-fatturi ta' produttività tagħha, b'mod partikolari tippromwovi l-użu sostenibbli tal-mergħat għat-trobbija tal-annimali (permezz ta' programmi u primjums relatati mal-użu tal-laħam tal-ifrat li jsiru skont il-prinċipji tal-konservazzjoni tan-natura, eċċ.), sabiex jintlaħaq livell oġhla ta' awtonomija fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-ġhalf; hu tal-fehma li l-politika agrikola, jekk tikkontribwixxi għas-sikurezza globali tal-ikel u għas-sostenibbiltà, għandha taħdem sabiex iżżomm bilanċ bejn it-tkabbir tal-pjanti, it-trobbija tal-annimali u l-produzzjoni tal-enerġija fis-settur agrikolu tal-UE;³². Jitlob, fil-qafas ta' suq dinji tas-CO₂, li jkun hemm promozzjoni tal-preservazzjoni u r-riġenerazzjoni tal-foresti, billi tingħata l-prijorità lill-Istati Membri li tilfu l-patrimonju tagħhom ta' foresti naturali, u jenfasizza l-bżonn li, fi ħdan l-Unjoni, tiġi implimentata ġestjoni integra u sostenibbli tal-foresti;
33. Jenfasizza s-sehem tal-foresti fiċ-ċiklu tal-ilma u l-importanza ta' taħlita bbilanċjata ta' foresti, art bil-ħaxix, u art bl-uċuħ għall-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma; jenfasizza, b'mod partikolari, l-irwol tal-ħamrija b'kontenut għoli ta' sustanza organika u r-rotazzjoni adattata tal-uċuħ; iwissi li ż-żieda tal-isfruttament tal-art tikkostitwixxi theddida għall-biedja, is-sikurezza tal-ikel u l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma;
34. Jitlob li fil-qasam tal-attivitajiet agrikoli marbuta maż-żamma tal-ġhelieqi, tal-mergħat permanenti u tal-boskijiet, tiġi rikonossuta l-possibilità għall-ħruġ ta' ċertifikati hodur marbuta mal-produzzjoni ta' beni pubbliċi (il-ħażna tas-CO₂, il-bijodiversità, il-konservazzjoni tal-ħamrija);
35. Jitlob lill-Istati Membri biex jagħmlu użu mit-tieni punt prinċipali tal-PAK, fil-qasam tal-attivitajiet agrikoli marbuta maż-żamma tal-ġhelieqi, tal-mergħat permanenti u tal-boskijiet, biex jagħtu primjums, u biex b'hekk jikkontribwixxu għall-produzzjoni ta' beni pubbliċi (il-ħażna tas-CO₂, il-bijodiversità, il-konservazzjoni tal-ħamrija); iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lill-konservazzjoni tal-mergħat;

¹ Testi Adottati, P6_TA(2008)0258.

36. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex japprova pożizzjoni komuni dwar il-proposta għal direttiva qafas dwar il-protezzjoni tal-ħamrija (COM(2006)0232) sabiex jiġi introdott strument Komunitarju li jagħmel il-ġlieda kontra dan it-theddid possibli;
37. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ifittxu strateġiji għall-irkupru ta' ħamrija degradata fuq il-bażi ta' miżuri ta' inċentivi biex tiġi llimitata d-degradazzjoni tal-ħamrija;
38. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

Il-ħamrija agrikola hi definita bħala dik il-parti tal-litosfera li fuqha jsiru attivitajiet ta' kultivazzjoni u trobbija l-aktar għal skopijiet ta' produzzjoni tal-ikel. Barra milli ssostni l-produzzjoni tal-ikel, il-ħamrija agrikola għandha varjetà ta' funzjonijiet importanti:

- toħloq rabta bejn l-atmosfera, ir-riżorsi tal-ilma u s-sistemi ġeoloġiċi;
- tiffiltra sustanzi ta' kwalitajiet differenti maħlula fl-ilma, u takkumula partikoli depożitati mill-atmosfera;
- taġixxi bħala reċipjent għall-karbonju, minħabba l-kapaċità tal-uċuħ li jiffissaw is-CO₂ atmosferiku permezz tal-proċess ta' fotosintesi tal-klorofilla u jaħżnuh fir-riżosfera;
- tirregola l-inżul tax-xita;
- tinteraġixxi mal-klima biex tiddetermina liema tipi ta' wċuħ jistgħu jitkabbru;
- tinfluwenza l-forom u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ;
- issostni diversi tipi ta' ħabitats u d-diversità bijoloġika billi tipprovdi l-ilma u n-nutrijenti;
- tipprovdi l-ambjent meħtieġ għall-konservazzjoni taż-żrieragħ u l-għajxien tal-mikro u tal-makro-organiżmi;
- u wkoll għandha sehem soċjali u kulturali importanti.

Hu ċar li l-interazzjoni bejn il-ħamrija agrikola, l-ilma u l-arja tiddetermina l-funzjoni ta' sistema waħda, li l-għan ewlieni tagħha għandu jkun l-iżvilupp ta' forma ta' agrikoltura sostenibbli li tkun kapaċi tnaqqas it-tniġġis u d-degradazzjoni ambjentali, tipprovdi servizzi u prodotti ambjentali filwaqt li fl-istess ħin iżżomm il-kapaċità produttiva tagħha. Filwaqt li minn naħa waħda l-agrikoltura tiġi effettwata minn sistemi ta' produzzjoni oħra, min-naħa l-oħra hi responsabbli wkoll għall-ġestjoni soda ta' din ir-riżorsa naturali importanti li ma tiġġeddidx.

Il-qagħda attwali

Id-data miġbura f'livelli differenti turi li l-ħamrija agrikola qiegħda tkun suġġetta għal pressjoni ambjentali li kulma tmur qiegħda tiżdied, u fost l-effetti negattivi identifikati sal-lum hemm: id-degradazzjoni idroġeoloġika, il-livelli tal-baħar li qeġħdin jogħlew u s-salinizzazzjoni li dan iġib miegħu, it-telfien ta' art agrikola, kif ukoll l-inċidenza aktar kbira ta' ħsara kkawżata min-nirien, mill-mard tal-pjanti u mill-mard tal-annimali. Dan it-tibdil qiegħed ikollu impatt kbir fuq l-użu tal-ħamrija u fuq il-produttività tagħha, li hu ta' rilevanza partikulari għas-sikurezza tal-ikel. Għalkemm fl-acquis hemm dispożizzjonijiet għall-ħarsien tal-ħamrija, bħalissa m'hemmx leġislazzjoni Komunitarja speċifika dwar il-ħarsien tal-ħamrija li tissodisfa r-rekwiżiti l-ġodda f'dan il-qasam. Meta titqies il-medda wiesgħa tal-għanijiet, il-varjetà kbira tal-oqsma tal-applikazzjoni u l-fatt li l-istrateġiji għal azzjoni fis-settur agrikolu

sikwit ikopru wkoll setturi ambjentali oħra, il-qafas leġiżlattiv attwali u d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex itejbu l-medda u n-natura tal-miżuri disponibbli għandu jkollhom ambitu transkonfinali. Pereżempju, jekk id-degradazzjoni tal-ħamrija f'żona partikulari jkollha riperkussjonijiet f'postijiet imbiegħda minn dik iż-żona, l-ispiża biex tisewwa l-ħsara tista' taqa' fuq pajjiż li ma jkunx dak li kkawżaha. Għalhekk, tinħtieġ strateġija integrata u multidixxiplinari msejsa fuq programm wiesa' kemm jista' jkun għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress tal-proċessi ta' degradazzjoni, bl-użu ta' sistemi satellitari u mapep.

L-iskop tar-rapport

Saret evalwazzjoni tal-qagħda attwali, b'attenzjoni speċjali għall-art agrikola fl-Ewropa tan-nofsinar, fejn diġà jidhru ċari għadd ta' proċessi ta' degradazzjoni tal-ħamrija. Fid-dawl ta' din il-qagħda, ġiet esplorata l-possibilità ta' azzjoni fi ħdan is-settur agrikolu għall-ġlieda kontra d-degradazzjoni tal-ħamrija agrikola filwaqt li, fl-istess ħin, jiġu żgurati l-irkupru, l-użu sostenibbli u l-ġestjoni tal-litosfera. F'dan il-kuntest, il-Parlament Ewropew għamel seduta ta' smiġħ sabiex jitkattar djalogu fuq diversi kwistjonijiet li kienu għad-diskussjoni, biex ir-rapporteur seta' jgħarbel sew il-proposti differenti li tressqu. L-għan ta' dan ir-rapport hu li jagħti spunti, ideat u proposti prattiċi biex jitqiesu fiż-żmien opportun bil-ħsieb li tiġi fformulata strateġija komuni għall-irkupru, il-konservazzjoni u t-titjib tal-ħamrija agrikola. Barra minn hekk, huwa ċar li waħda mill-prijoritajiet għandha tkun li jitfassal pjan ta' azzjoni komuni, li jinkludi skeda ta' azzjoni biex tiġi evitata d-degradazzjoni u tiħares il-ħamrija agrikola. Il-karatteristiċi morfoloġiċi u pedoloġiċi tal-ħamrija fl-Ewropa tan-nofsinar joffru ftit minn dak li jista' jiġri fil-ġejjieni f'ambjenti agrikoli differenti fl-Ewropa tat-tramuntana. Iż-żoni tan-nofsinar jistgħu jintlaqtu minn deżertifikazzjoni gradwali, filwaqt li x-xita tista' tonqos b'mod sinifikanti fiż-żoni tat-tramuntana, u dan ikun jirrikjedi li jsiru aġġustamenti xierqa għas-sistema idroġeologiċa li ġiet żviluppata matul iż-żminijiet.

Il-possibilità ta' intervent

Il-mod kif tiġi utillizzata u mmaniġġjata l-ħamrija agrikola jista' jkollu sehem importanti, fost affarijiet oħra, fir-reazzjoni tagħna għall-"isfidi l-ġodda" (il-bidla fil-klima, l-enerġiji li jiġġeddu, l-iskarsezza tal-ilma, il-bijodiversità, eċċ.); għalhekk jeħtieġ li wieħed iħares lejn l-istrumenti legali disponibbli u l-possibilità ta' intervent fis-settur agrikolu minn angolu ġdid fi ħdan il-linji gwidi u l-metodi tal-ġestjoni tal-PAK.

F'dan il-kuntest, il-Parlament diġà wera r-rieda tiegħu biex jindirizza l-kwistjonijiet dwar is-sikurezza tal-ikel. Ir-rapporteur jikkunsidra li għandu jitqies il-kunċett tal-awtonomija produttiva, bil-possibilità li jkun hemm għadd ta' fatturi ta' produzzjoni disponibbli li jippermettu li jsiru deċiżjonijiet ta' negozju b'aktar libertà.

It-temi li jirrigwardaw il-ġlieda kontra d-degradazzjoni tal-ħamrija għandhom jinkludu strateġija għall-konservazzjoni tal-ħamrija li tiffoka b'aktar attenzjoni fuq is-sistemi idrawliċi utillizzati fl-agrikoltura u l-manutenzjoni tagħhom. Hu ta' interess li wieħed jinnota b'mod partikulari li, minħabba l-qagħda msemmija aktar 'il fuq, l-użu ta' sistemi għall-ġbir tal-ilma għall-irrigazzjoni u d-distribuzzjoni kulma jmur se jiġi miegħu spejjeż aktar għolja. Konsegwentement, se jkun jinħtieġ li jidħlu metodi ġodda tal-irrigazzjoni, jew li jiġu modifikati sabiex jonqsu l-volumi tal-irrigazzjoni billi titjeb l-estrazzjoni tal-ilma mill-blat. Għaldaqstant, hemm il-ħtieġa urġenti b'mod partikulari li jonqos it-telfien tal-ilma matul il-linji tal-irrigazzjoni.

Bħala parti mill-isforzi biex jitħarsu l-ekosistemi tal-ħamrija u tkompli l-ġlieda kontra d-degradazzjoni tal-ħamrija, jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikulari lill-programmi ta' afforestazzjoni. F'dan il-kuntest, l-użu tal-ispeċi ta' arbuxxelli tal-Mediterran fl-Ewropa tan-nofsinhar jista' jagħti kontribut effikaċi fil-ġlieda kontra l-erożjoni u n-nirien. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jinbnew ġwiebi permezz ta' kooperattivi għall-ilma tal-irrigazzjoni li jiġu mmaniġġjati mill-aġenziji kompetenti lokali bl-iskop doppju li jinġabar l-ilma tax-xita, li jippermetti li jintuża l-ilma ħelu għall-użu tat-tifi tan-nirien u għall-ġbir u r-riċiklaġġ tal-ilma tad-drenaġġ tal-bliet bl-użu tat-tekniki tal-purifikazzjoni tal-pjanti u l-istagħdir f'żoni interni fejn l-impjanti ta' purifikazzjoni mhux dejjem ikunu vijabbli finanzjarjament.

It-tekniki tal-biedja tal-art niexfa huma ta' importanza partikolari u jinkludu l-ħidma minima tal-art, li tista' żżomm l-ilma milli jerġa' jogħla permezz tal-kapillarità, in-newba tal-uċuħ biex titjeb il-ħamrija u/jew biex tikkumbatti l-mard tal-pjanti, l-użu ta' ġenotipi li jkunu aktar adattati għall-ambjent lokali u mhux biss biex jissodisfaw ir-rekwiżiti kummerċjali, u metodi għall-kontroll tal-evapotraspirazzjoni (li tista' ġġib magħha t-telfien ta' volum kbir tal-ilma mill-ħamrija) u jinvolvu l-użu sistematiku ta' tekniki għat-titjib (biex il-ħamrija jkollha struttura aħjar) jew permezz tal-kopertura tal-veġetazzjoni.

Is-sistemi tal-informazzjoni ġeografika (GIS) jistgħu jkunu mezz utli għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-ħamrija. Għal dan il-għan, jeħtieġ li tiġi standardizzata d-dejta rilevanti, billi l-interpretazzjoni tagħha tinvolvi l-użu u l-kontroll bir-reqqa tal-mudelli ġeoloġiċi u bijokimiċi.

Għaldaqstant, fil-proposta tagħha għal definizzjoni ġdida taż-żoni tal-muntanji u taż-żoni bi żvantaġġi naturali, il-Kummissjoni għandha tinkludi fost il-parametri ta' prijorità l-istat ta' konservazzjoni tal-ħamrija u l-perikli tad-deżertifikazzjoni marbuta magħha. Bl-istess mod, fir-reviżjoni ta' nofs iż-żmien tas-Seba' Programm ta' Qafas, jeħtieġ li jingħata appoġġ permezz ta' inċentivi akbar għar-riċerka dwar il-mezzi li jikkumbattu d-degradazzjoni tal-ħamrija. L-għan hu li jitjiebu t-tekniki ta' produzzjoni fid-dawl tar-rekwiżiti l-ġodda u li jinstabu soluzzjonijiet ġodda biex l-iffrankar tal-ilma jsir prijorità u b'hekk ikun jista' jonqos l-ammont ta' enerġija meħtieġa għall-produzzjoni tal-ikel.

Għandha tinġibed l-attenzjoni wkoll li l-programmi ta' taħriġ u ta' aġġornament għandhom ikunu mmirati mhux biss għal dawk li jaħdmu fis-settur imma għall-pubbliku ġenerali wkoll, bil-għan doppju li jinstabu soluzzjonijiet speċifiċi u li jikber l-għarfien tal-pubbliku għall-ħtieġa ta' użu aktar sostenibbli tar-riżorsi naturali u tal-ambjent kollu kemm hu, li hija r-responsabilità kondiviża tagħna fil-preżent u għall-ġejjieni.

F'konformità mal-prinċipju tal-bidla ġenerazzjonali fil-komunità agrikola u l-ħtieġa għal strateġija aktar dinamika dwar il-farms, il-prijorità fl-allokazzjoni tal-finanzjament għal proġetti għall-irkupru u l-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija agrikola għandha tingħata lill-intrapriżi li jitmexxew minn bdiewa żgħażaġh.

F'sitwazzjoni fejn miljuni ta' persuni ntaqtu mill-kriżi dinjija tal-ikel, li l-effett immedjat tagħha kien it-tħarbit tal-ippjanar u l-ġestjoni tal-produzzjoni tal-ikel, għandu jiġi enfasizzat li l-ħarsien tal-ħamrija huwa mezz għas-salvagwardja tal-potenzjal tal-produzzjoni tagħna, li hija ta' importanza politika u strateġika, għaż-żamma tal-bilanċ bejn l-importazzjoni u l-esportazzjoni u għall-garanzija tal-awtonomija u tal-kapaċità għan-negozjar fil-qasam multilaterali.

Meta jitqies li l-attività agrikola b'mod ġenerali, u dik li tinvolvi l-foresti, l-ġhelieqi u l-mergħat b'mod partikulari, hija qasam fejn tista' tittieħed azzjoni li tolqot il-funzjoni ta' ekosistema sħiħa, darba jiġi rikonoxxut li s-settur agrikolu jipproduċi prodotti ta' interess għall-pubbliku ġenerali, iċ-ċertifikati ħodor jistgħu jinħarġu għal dawn l-attivitàjiet agrikoli. F'dan il-każ ukoll l-effett jista' jkun tripplu: l-użu aktar wiesa' ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli, il-ħolqien ta' suq għall-iskambju taċ-ċertifikati ħodor, u n-nuqqas ta' piż finanzjarju fuq il-kontributori tal-komunità.

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar l-isfida tad-deterjorament fl-art agrikola fl-UE, b'mod partikulari fl-Ewropa tan-Nofsinhar: ir-reazzjoni permezz tal-istrumenti tal-politika agrikola tal-UE (2008/2219(INI))

Rapporteur għal opinjoni(*): Inés Ayala Sender

(*) Kumitati assoċjati – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Billi li l-ħamrija hija l-bażi għall-produzzjoni tal-ikel għall-bniedem, tal-għalf għall-animali, tat-tessuti u tal-fjuwils, u billi għandha rwol importanti fil-qabda tas-CO₂; billi, madankollu, il-ħamrija hija aktar minn qatt qabel esposta għal ħsara irriversibbli minħabba l-erożjoni mir-riħ, it-tniġġis, it-tmelliħ, l-impermeabilità, it-tnaqqis ta' sustanzi organiċi u t-telf ta' bijodiversità fil-ħamrija;
2. Peress li l-agrikoltura hija l-aħjar mezz biex jiġi evitat id-deterjorament tal-ħamrija, jitlob li jkun hemm strateġija rraġunata li tgħin biex din l-attività tinżamm;
3. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex jadotta l-pożizzjoni komuni tiegħu dwar id-direttiva qafas dwar il-protezzjoni tal-ħamrija sabiex jiġi introdott strument Komunitarju li jagħmel il-ġlieda kontra dan it-theddid possibli;
4. Filwaqt li jżomm quddiem moħħu li t-tisqija sservi wkoll biex iżżomm l-umdità fil-ħamrija kif ukoll biex jerġa' jimtela' s-saff ħamrija li jżomm fih ħafna ilma, jitlob biex dawn il-fatturi jiġu kkunsidrati meta tkun qed tiġi mfassla l-politika komuni għall-agrikoltura;
5. Iqis li hu neċessarju li jittejjeb it-taħriġ tal-bdiewa, b'mod partikulari, dak taż-żgħażaġħ, speċjalment fir-rigward tal-effetti tat-tibdil fil-klima u l-irwol tal-produzzjoni agrikola fil-

klima;

6. Jippromwovi aktar appoġġ tal-Unjoni Ewropea għat-titjib fl-immaniġġjar tal-ilma fuq art agrikola u fuq farms tal-bhejjem, l-għoti ta' inċentivi għall-faċilitajiet u s-sistemi tat-tisqija li huma effiċjenti fl-użu tal-ilma u l-iżvilupp ta' uċuħ ta' raba' li huma reżistenti għan-nuqqas ta' xita;
7. Il-problemi attwali, inkluż in-nuqqas ta' ikel, l-iskarsezza tal-ilma, iż-żieda fit-temperaturi u l-vapotraspirazzjoni u r-riskju tad-degradazzjoni tal-ħamrija, jeħtieġu politiki agrikoli integrali u xjentifiċi ġodda li japplikaw għall-kundizzjonijiet tal-klima Mediterranja; bl-għajjnuna ta' istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali, il-politiki jridu jikkonċentraw ir-riċerka u l-iżvilupp fuq l-uċuħ adattati lokalment għall-isfidi ambjentali ġodda, foqasma li jinkludu l-isforz biex ma jinħeliex ilma, filwaqt li jingħata kumpens suffiċjenti lill-bdiewa biex iżommu livell tal-għajxien Ewropew;
8. Huwa tal-opinjoni li l-immaniġġjar integrat tar-riżorsi tal-ilma fl-agrikoltura jrid jinkludi strateġiji għall-immodernizzar u t-titjib fl-użu u l-immaniġġjar tal-ilma, u biex jiġi rrazzjonalizzat u llimitat il-konsum tal-ilma;
9. Jirakkomanda l-iżvilupp ta' sistema ta' twissija rapida u ta' sistemi ta' sorveljana kontinwa għall-kundizzjoni tal-ħamrija sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni fil-ħin biex jiġu miġġielda l-erożjoni tal-ħamrija, it-tnaqqis tas-sustanza organika li jikkawża emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u t-telf ta' art tajba għall-ħrit u l-bijodiversità;
10. Jikkunsidra neċessarju li jissaħħu r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni filwaqt li tingħata attenzjoni partikulari liż-żoni l-aktar effettwati min-nuqqas tal-ilma u n-nixfa u filwaqt li jiġi kkunsidrat il-progress bijoteknoloġiku;
11. Jitlob li jkun hemm promozzjoni tal-preservazzjoni u t-tħawwil ta' sisien tal-ħaxix, b'mod partikulari f'żoni fejn dawn intilfu tul l-aħħar snin;
12. Jirreferi għall-importanza ta' art mhux miżrugħa li titħalla apposta biex tiġi rkuprata art agrikola u biex jinġabar l-ilma; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kkonċernati biex jinkuraġġixxu sistemi agrikoli li huma adattati għall-art tal-ekosistemi Mediterranji u miżuri mmirati għall-użu effiċjenti tal-ilma;
13. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ifittxu strateġiji għall-irkupru ta' ħamrija degradata fuq il-bażi ta' miżuri ta' inċentivi biex tiġi llimitata d-degradazzjoni tal-ħamrija;
14. Jistenna bil-ħerqa l-ħolqien tal-Osservatorju Ewropew u tas-sistema tat-twissija bikrija tan-nixfa, u jenfasizza l-bżonn li tiġi mtejba l-effikaċità tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri u l-koordinazzjoni bejniethom;
15. Ifakkar fl-eżistenza tal-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti biex tiġi miġġielda d-deżertifikazzjoni f'pajjiżi milquta serjament min-nixfiet u/jew id-deżertifikazzjoni, b'mod partikulari fl-Afrika, addottata fl-1994, li l-għan tagħha huwa li tiġi miġġielda d-degradazzjoni tal-art tajba għall-ħrit u n-nixfa, u jfakkar fl-appoġġ tal-Parlament għal din il-konvenzjoni;

16. Jirrikonoxxi s-sehem tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (Direttiva 2000/60/KE) bħala qafas regolatorju u strument bażiku għall-protezzjoni tal-ħamrija, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni interreġjonali, l-użu sostenibbli tal-ilma u l-protezzjoni tar-riżorsi disponibbli tal-ilma filwaqt li fl-istess ħin tingħata għajjnuna biex jittaffu l-effetti tal-għargħar u n-nixfa;
17. Jitlob, fil-qafas ta' suq dinji tas-CO₂, li jkun hemm promozzjoni tal-preservazzjoni u r-riġenerazzjoni tal-foresti, kif ukoll ir-ri-afforestazzjoni bl-użu ta' speċji mħallta, primarjament fl-Istati Membri li tilfu l-patrimonju tagħhom ta' foresti naturali, u jenfasizza l-bżonn li tiġi mnedija sistema integra u sostenibbli ta' ġestjoni tal-foresti fl-Unjoni Ewropea;
18. Jikkunsidra neċessarju li jissaħħew il-parametri għall-ekokundizzjonalità u l-applikazzjoni tagħhom madwar l-Unjoni Ewropea, l-aktar fir-rigward tal-bijodiversità u s-sustanza organika tal-ħamrija, u biex jiġu estiżi sabiex ikopru l-protezzjoni tal-ilma;
19. Jenfasizza l-kontribuzzjoni li tingħata mill-bdiewa Ewropej fil-ġlieda kontra l-erożjoni tal-ħamrija u d-deżertifikazzjoni u jitlob li jiġi rrikonoxxut is-sehem kruċjali tal-produtturi Ewropej fil-preservazzjoni tal-għata tal-pjanti f'reġjuni effettwati min-nixfa persistenti jew mhedda minn ramel li jtir mar-riħ; jenfasizza l-benefiċċji speċifiċi ta' uçuħ imsaġar u dwieli permanenti, il-mergħat, art bil-ħaxix u l-forestrija għall-ġbir tal-ilma;
20. Jenfasizza s-sehem tal-foresti fiċ-ċiklu tal-ilma u l-importanza ta' taħlita bbilanċjata ta' foresti, art bil-ħaxix, u art bl-uçuħ għall-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma; jenfasizza, b'mod partikulari, l-irwol tal-ħamrija b'kontenut għoli ta' sustanza organika u r-rotazzjoni adattata tal-uçuħ; iwissi li ż-żieda tal-isfruttament tal-art jikkostitwixxi theddida għall-biedja, is-sigurtà tal-ikel u l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 -: 4 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Liam Aylward, Maria Berger, John Bowis, Frieda Brepoels, Martin Callanan, Dorette Corbey, Magor Imre Csibi, Chris Davies, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Edite Estrela, Jill Evans, Anne Ferreira, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jens Holm, Marie Anne Isler Béguin, Caroline Jackson, Dan Jørgensen, Christa Klab, Urszula Krupa, Marie-Noëlle Lienemann, Peter Liese, Jules Maaten, Linda McAvan, Riitta Myller, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Dimitrios Papadimoulis, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Guido Sacconi, Daciana Octavia Sârbu, Amalia Sartori, Richard Seeber, Bogusław Sonik, María Sornosa Martínez, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Glenis Willmott
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Inés Ayala Sender, Iles Braghetto, Philip Bushill-Matthews

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.2.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 6 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Niels Busk, Luis Manuel Capoulas Santos, Giovanna Corda, Albert Deß, Constantin Dumitriu, Michl Ebner, Carmen Fraga Estévez, Lutz Goepel, Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf, Esther Herranz García, Lily Jacobs, Elisabeth Jeggle, Heinz Kindermann, Vincenzo Lavarra, Stéphane Le Foll, Véronique Mathieu, Mairead McGuinness, Rosa Miguélez Ramos, María Isabel Salinas García, Sebastiano Sanzarello, Agnes Schierhuber, Willem Schuth, Czesław Adam Siekierski, Alyn Smith, Petya Stavreva, Donato Tommaso Veraldi
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Béla Glattfelder, Wiesław Stefan Kuc, Astrid Lulling, Maria Petre, Markus Pieper, Struan Stevenson, Vladimír Železný
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Hélène Goudin, Ewa Tomaszewska, Peter Šťastný